MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 2505/2000/1

**John Mary Garnisi**

**v.**

**Freeport Terminal (Malta) Limited u Oswald Caruana**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan l-appell jikkoncerna ir-responsabbilta` ghal incident li sehh fil-*Freeport* fejn inqaleb *container* u safa ferut l-attur, li kien haddiem tax-xatt.

**2.** B’sentenza tat-12 ta’ Ottubru 2004, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili qatghet il-vertenza billi irriteniet illi z-zewg konvenuti flimkien kienu jahtu ghall-incident, ghalkemm is-sehem tal-hsara li ghaliha kellu jwiegeb kull wiehed minnhom ma setghetx tigi stabbilita ghall-ghanijiet ta’ l-Art. 1050 tal-Kodici Civili, u llikwidat id-danni fis-somma ta’ erbgha u tmenin elf u hames mitt lira (Lm84,500[1]), ikkundannat lill-konvenuti flimkien ihallsu lill-attur erbgha u tmenin elf u hames mitt lira (Lm84,500) flimkien ma’ l-ispejjez kollha mitluba fic-citazzjoni u l-imghax b’sehh mid-data tas-sentenza sa meta jsir il-hlas.

**3.** Il-fatti li taw lok ghal dan l-incident, it-talbiet u l-eccezzjonijiet jinsabu riprodotti fis-sentenza appellata, li qieghda tigi riportata fl-intier taghha.
“Iċ-ċitazzjoni tgħid illi nhar il-Ħamis 19 ta’ Awissu 1999, waqt illi l-attur, li huwa ħaddiem tax-xatt, kien qiegħed jaħdem fil-*Freeport*, f’Kalafrana, huwa weġġa’ meta tgħaffeġ taħt *container* li twaqqa’ waqt li l-konvenut Oswald Caruana kien qiegħed iħaddem *rubber tyre gantry* u ġarrab danni, ukoll minħabba diżabilità permanenti li żżommu milli jkompli bix-xogħol tiegħu.

“L-attur igħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenuti weħedhom, jew ta’ xi wieħed minnhom, iżda għalxejn sejħilhom biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni. Għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:
“1. tgħid illi l-konvenuti, jew xi wieħed minnhom, jaħtu għall-inċident u għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrab l-attur;
“2. tillikwida d-danni; u
“3. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, iħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-17 t’Ottubru 1999 u ta’ l-ittra uffiċjali tas-27 t’Ottubru 2000, u l-imgħaxijiet legali.

“s-soċjetà konvenuta *Freeport Terminal (Malta) Limited* ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

[1] Ammontanti ghal Euro 196,832.05

"1. għandha ssir korrezzjoni fl-isem tas-soċjetà — din l-eċċezzjoni ngħatat għax l-isem tas-soċjetà konvenuta kien muri ħażin fuq iċ-ċitazzjoni; wara li b'dikriet tat-18 ta' Jannar 2001 saret il-korrezzjoni meħtieġa, ma hux meħtieġ li nqisu aktar din l-eċċezzjoni; u
"2. is-soċjetà konvenuta ma taħtix għall-inċident u ma tweġibx għad-danni, u għalhekk it-talbiet ta' l-attur safejn magħmula kontra tagħha għandhom jiġu miċħuda.

"Il-konvenut l-ieħor, Oswald Caruana, għalkemm notifikat bl-atti, ma ressaqx eċċezzjonijiet.

"L-inċident seħħ hekk:

"L-attur, li hu ħaddiem tax-xatt, kien qiegħed fi *truck* li jiġbed il-*containers*, jistenna biex jitgħabba b'*container*. Dawn il-*containers* ikunu stivati wieħed fuq l-ieħor, sa erbgħa fuq xulxin, f'ħames filati. Biex jinġarru l-*containers* jintrefgħu minn *rubber tyre gantry*. Dan huwa *crane* imdendel minn travi twal imqiegħda mimduda fuq par saqajn imbiegħda minn xulxin b'mod illi t-tul tat-travi huwa usa' mill-wisgħa tal-ħames fili ta' *containers* u jħalli wkoll spazju fejn mal-ġenb tal-*containers* igħaddi t-*truck* li jkun sejjer iġorr il-*container*. Is-saqajn tal-*gantry* jistrieħu fuq *rubber tyres* biex ikun jista' jimxi tul il-filati tal-*containers*. Il-*crane* jimxi wkoll minn fuq filata ta' *containers* għal oħra biex ikun jista' jilħaqhom kollha, u jitla' u jinżel biex jaqbad *container*, igħollih 'il fuq mill-*containers* l-oħra 'l hawn minnu, u, wara li jressqu sa fuq it-*truck*, iniżżlu biex jitgħabba fuq it-*truck*. Dawn il-movimenti — tar-roti tal-*gantry*, u tal-*crane* 'l hawn u 'l hemm u 'l fuq u 'l isfel — huma kontrollati b'żewġ *joysticks* fil-kabina li qiegħda 'l fuq mit-travi mimduda li minnhom hu mdendel il-*crane*.
It-*truck* ta' l-attur kellu jitgħabba b'*container* li ma kienx fil-filata ta' ġewwa, *i.e.* l-aktar qrib ta' fejn kien it-*truck*. Għalhekk il-konvenut Caruana, li kien qiegħed iħaddem il-*gantry*, kellu, wara li jaqbad il-*container* bil-*crane*, igħollih biex iqabbżu l-filata ta' ġewwa, li kellha erba' *containers* stivati wieħed fuq l-ieħor, iressqu 'l ġewwa, lejn it-*truck*, u jniżżlu sa l-art.

"Ġara iżda illi waqt li kienu qegħdin isiru dawn il-movimenti bil-*container* imdendel mal-*hoist*, dan laqat *container* ieħor fil-filata ta' ġewwa nett, dan l-aħħar *container* waqa', ġie fuq il-kabina tat-*truck* ta' l-attur, għaffiġha u korra lill-attur. Meta l-konvenut Caruana ra li laqat il-*container* ta' fuq il-filata ta' ġewwa, u li dan kien sejjer jegħleb għal fuq l-attur, istintivament imbotta l-*joystick* fuq barra biex il-*container* imdendel jerġa' joħorġu 'l barra, 'il bogħod minn dak milqut, iżda kien għalxejn. Il-*joystick*, li, milli jidher, kien maqsum u msewwi bil-kolla u b'*tape*, reġa' nqasam f'id Caruana bil-vjolenza tal-mossa istintiva li għamel.

"Sabiex il-qorti setgħet tasal għal konklużjoni dwar il-ħtija għal dan l-inċident, aktar kienet utli għaliha x-xhieda miġbura waqt l-inkjesta tal-maġistrat milli x-xhieda li tressqet waqt is-smigħ ta' din il-kawża. Fil-fatt, mix-xhieda ħarġu dawn il-fatti:

"1. fis-soċjetà konvenuta dak iż-żmien ta' l-inċident ma kienx hemm sistema ta' superviżjoni ta' kif jaħdmu l-*gantry operators*, biex ikun magħruf jekk il-*containers* kinux stivati sew; is-soċjetà konvenuta kienet tiddependi fuq l-*operators* stess biex jirrapportaw il-problemi;
"2. sabiex il-*containers* ikunu stivati sew, għandha titħalla distanza biżejjed bejniethom biex wieħed ma jolqotx lil ieħor jekk jixxengel waqt li jkun qiegħed jintrefa'; il-*gantry* wkoll għandu jitmexxa f'linja dritta biex iżomm distanza uniformi mil-filata ta' ġewwa; sabiex il-*gantry* jżomm din id-distanza hemm linji bojod ma' l-art illi l-*gantry* għandu jżomm magħhom.
"3. ġara illi l-*gantry* ma mexiex ma' dawk il-linji u beda joqrob lejn il-filata ta' ġewwa; hekk id-distanza bejnu u l-filata ta' ġewwa bdiet tonqos u naqas ukoll l-ispazju ta' manuvra biex jitniżżel il-*container* bejn il-filata ta' ġewwa u s-sieq tal-*gantry*, fejn kien qiegħed jistenna t-*truck* ta' l-attur;
"4. b'konsegwenza ta' hekk l-*operator* ma setax jara n-naħa ta' taħt tal-*container* li kien qiegħed iġorr, u ma setax jara li dak il-*container* kien qiegħed qrib wisq tal-filata ta' ġewwa, u ma ntebaħx li kien sejjer jolqtu;

"5. fil-fatt il-*container* imdendel kien biss ħames ċentimetri (5cm) 'l bogħod mill-filata ta' ġewwa, u għalhekk jekk ixxengel waqt li qed jitniżżel seta' faċilment ħabat mal-*container* fuq dik il-filata għax ma kienx hemm *clearance* biżżejjed[2].

"L-inċident għalhekk seħħ (i) għax l-*operator*, il-konvenut Caruana, ma mexxiex il-*gantry* b'attenzjoni biżżejjed biex ma jħallihx jitbiegħed mil-linja li kellu jimxi magħha, u ma ntebahx li fil-fatt kien tbiegħed minn dik il-linja; u (ii) għax is-soċjetà konvenuta ma kellhiex sistema ta' sorveljanza biex żbalji bħal dawk li ħa l-konvenut jinkixfu qabel ma ssir ħsara, għalkemm l-operazzjoni ta' tagħbija u ħatt ta' *containers* minn dak l-għoli b'nies jistennew taħthom hija, min natura tagħha, ta' perikolu.

"Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, il-ħtija kienet kemm ta' l-attur kif ukoll tas-soċjetà konvenuta.

"Il-qorti wkoll hija tal-fehma illi ma għandhiex tagħti wisq importanza lill-episodju tal-*joystick* maqsuma. Ukoll jekk kienet maqsuma u msewwija qabel l-inċident — ħaġa li ma kellhiex tkun — dan il-fatt ma ikkontribwixxa xejn għall-inċident: sa ma seħħ l-inċident Caruana kien qiegħed jaħdem sew bil-*joystick* tant li lanqas intebaħ li kienet miksura, u kien biss wara li laqat il-*container* li kissirha bil-vjolenza tal-mossa li għamel.

"Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

"Il-Kirurgu Frederick Zammit Maempel, espert maħtur *ex parte* mill-attur, irrelata illi minħabba l-inċident l-attur ġarrab debilità permanenti ta' tnax fil-mija (12%)[3]. Waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2003 il-konvenuti qalu illi joqogħdu fuq din il-konklużjoni[4].

"Madankollu, kif sewwa qal l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, id-danni ma jingħatawx bħala kumpens għad-debilità medika *ut sic* iżda għat-telf —

2 Ara r-relazzjoni ta' l-A.I.C. Richard Aquilina, *foll.* 63 *et seq.*
3 *Foll.* 19 *et seqq.*
4 *Fol.* 60.

kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans* — li l-attur iġarrab minħabba f'hekk. Fil-każ tallum huwa relevanti illi lill-attur intemmlu x-xogħol b'seħħ mill-1 ta' Diċembru 2000 minħabba l-istat ta' saħħtu b'konsegwenza ta' l-inċident[5], u illi, x'aktarx ukoll minħabba l-età tiegħu — kellu ħamsa u ħamsin (55) sena meta korra — baqa' ma sabx xogħol ieħor u llum għadu bla xogħol.

"Għalkemm ma taqbilx ma' l-attur illi dan ifisser illi effettivament għandu inkapaċità ta' mija fil-mija (100%), għax ma huwiex għalkollox bla setgħa li jaħdem, il-qorti taqbel illi fil-fatt, meta tqis il-fatturi kollha relevanti, il-kapaċità ta' l-attur li jaħdem naqset b'aktar minn tnax fil-mija (12%).

"Wara li qieset id-debilità medika ta' l-attur u l-fatt illi, kemm minħabba l-età tiegħu kif ukoll minħabba l-istat ta' saħħtu, ikun iebes ħafna għalih li jsib xogħol li jgħodd għalih, il-qorti hija tal-fehma illi l-kapaċità ta' l-attur li jaħdem naqset b'ħamsa u sebgħin fil-mija (75%).

"Rajna li l-attur kellu ħamsa u ħamsin (55) sena meta korra ħames snin ilu, u għalhekk *multiplier* xieraq ikun ta' ħames (5) snin, aktar u aktar meta tqis illi l-attur effettivament tilef id-dħul ta' dawn l-aħħar ħames snin u għalhekk, kif sewwa osserva l-attur, dan it-telf aktar għandu minn *damnum emergens* milli *lucrum cessans*.

"Id-dħul medju tal-ħaddiema tax-xatt f'dawn is-snin kien qrib l-għoxrin elf lira (Lm20,000) fis-sena[6], u għalhekk it-telf f'ħames snin ikun ta' mitt elef lira (Lm100,000). Rajna illi d-debiltà ta' l-attur hija ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) u għalhekk id-dannu huwa ta' ħamsa u sebgħin elf lira (Lm75,000).

"Meta lill-attur intemmlu x-xogħol fl-2000, lill-ħaddiema tax-xatt li jintemmilhom ix-xogħol kienet tingħata somma ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250) għal kull sena ta' servizz.

---

5 *Fol*. 224.
6 *Foll*. 229 *et seq.*

Fl-2000 l-attur kellu tmienja u għoxrin (28) sena ta' servizz u għalhekk ingħata somma ta' sebat elef lira (Lm7,000)[7]. Fl-2003 is-somma ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250) għal kull sena żdiedet għal ħames mitt lira (Lm500)[8]. L-attur ma tħallasx bir-rata ogħla għax kien ġà ntemmlu x-xogħol meta daħlet fis-seħħ l-emenda relativa. Li kieku ma kellux l-inċident u baqa' jaħdem, u temm ix-xogħol ħames snin wara, l-attur kien ikun ħadem għal tlieta u tletin (33) sena u għalhekk kien jieħu ħlas ta' sittax-il elf u ħames mitt lira (Lm16,500); minflok ħa biss sebat elef lira (Lm7,000), telf ta' disat elef u ħames mitt lira (Lm9,500).

"B'kollox għalhekk l-attur tilef erbgħa u tmenin elf u ħames mitt lira (Lm84,500). Billi dan huwa *damnum emergens* aktar milli *lucrum cessans*, u l-attur ma huwiex sejjer jitħallas bil-quddiem, ma hux il-każ li jsir tnaqqis biex ipatti għall-benefiċċju tal-ħlas bil-quddiem.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tgħid illi ż-żewġ konvenuti flimkien jaħtu għall-inċident, għalkemm is-sehem tal-ħsara li għaliha jwieġeb kull wieħed minnhom ma jistax jiġi stabbilit għall-għanijiet ta' l-art. 1050 tal-Kodiċi Ċivili, u tillikwida d-danni fis-somma ta' erbgħa u tmenin elf u ħames mitt lira (Lm84,500), tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu lill-attur erbgħa u tmenin elf u ħames mitt lira (Lm84,500) flimkien ma' l-ispejjeż kollha mitluba fiċ-ċitazzjoni u l-imgħax b'seħħ millum sa meta jsir il-ħlas."

**<u>L-appell principali</u>**

**4.** Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza. Bazikament l-aggravji taghhom jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Illi tenut kont li kemm ilu jezisti l-Freeport, l-ammont ta' incidenti li fihom weggghu xi haddiema huwa tant zghir, ifisser li necessarjament il-post fejn jahdmu l-impjegati huwa *safe* ghall-istess haddiema u dan l-incident kien

[7] *Fol*. 224.
[8] *Fol*. 225.

verament wiehed isolat u sfortunat li ghalih ma tistax tigi tenuta responsabbli s-socjeta` konvenuta.

2. Illi subordinatament, is-somma likwidata mill-ewwel Qorti hija eccessiva.

**L-appell incidentali**

**5.** Fir-risposta tieghu ghall-appell, l-attur appellat ressaq appell incidentalment mis-sentenza appellata ghaliex fl-opinjoni tieghu l-ammont likwidat kellu jkun oghla.

**Ir-responsabbilta` ghall-incident**

**6.** Fl-ewwel aggravju taghha s-socjeta` appellanti tinsisti fuq il-fatt li kemm ilu jezisti l-Freeport, in-numru ta' incidenti li fihom weggghu xi haddiema tant huwa zghir (u dan fl-isfond tal-fatt li kull sena il-Freeport dejjem izid in-numru ta' *containers* li jigu *handled* go fih) li dan necessarjament ifisser li l-post fejn jahdmu l-impjegati huwa *safe* ghall-istess haddiema, u li ghalhekk dan l-incident kien wiehed isolat u sfortunat li ghalih ma tistax tigi tenuta responsabbli s-socjeta` appellanti.

**7.** Dan l-argument huwa wiehed fallaci, ghax kif sewwa rrileva l-appellat fir-risposta tieghu fuq imsemmija, anke li kieku l-incident *de quo* kien l-uniku incident li qatt sehh f'din it-tip ta' operazzjoni fil-Freeport, dan bl-ebda mod ma jista' jittiehed bhala indikazzjoni konkluziva li s-sistema adoperata mis-socjeta` appellanti kienet toffri bizzejjed sigurta` ghal sahhet il-haddiema taghha.

**8.** Is-socjeta` appellanti tissottometti wkoll li l-appellat ma gab l-ebda prova li fil-proceduri biex jitmexxew u jitghabbew il-*containers*, is-socjeta` appellanti ma kienitx qieghda timxi ma' proceduri internazzjonalment approvati. Ghalkemm fir-rikors ta' l-appell taghha s-socjeta` appellanti tallega li gie pruvat li hija *"timxi skrupolozament ma' dak li huwa dettat bhala prattika fil-portijiet kollha tad-*

*dinja"* [9], dan ma hu veru xejn ghax hadd mill-kontendenti ma gab prova, jew ittanta jgib prova, ta' x'inhi il-*best practice* f'dan il-qasam f'portijiet esteri. Ghalhekk, din il-Qorti trid bilfors timxi fuq dak li rrizulta mill-provi migbura u l-access *in situ* li sar mill-ewwel Qorti u tigbed il-konkluzjonijiet taghha minnhom b'applikazzjoni tal-buon sens.

**9.** Mir-relazzjoni redatta mill-Avukata Dott. Yana Micallef Stafrace ghall-finijiet ta' l-inkjesta magisterjali jirrizulta illi l-*containers* mill-*bays* fejn kien qed isir ix-xoghol ma kienux kollha allinejati b'mod preciz u kif trid l-arti u s-sengha[10]. Ghalkemm, kif sewwa osservat l-imsemmija perit fir-rapport taghha, kienet ir-responsabbilta` tas-sewwieq, cioe` tal-konvenut appellant Oswald Caruana, li jara li jekk l-i*stow* ma kinitx preciza u li tista' tkun ta' perikolu, li jieqaf mix-xoghol sakemm dan tigi rrangata, kienet ukoll ir-responsabbilita` tas-socjeta konvenuta li tassigura li jkun hemm haddiema qed jissorveljaw is-sitwazzjoni, sabiex jekk is-sewwieq ma jindunax jigbdulu l-attenzjoni. Dan l-element ta' sorveljanza kien inezistenti. Fil-fatt is-supretendent ta' l-*operations* tal-Freeport, Mario Borg, xehed hekk quddiem il-perit legali: *"Sistema li xi hadd jiccekja li l-*operators *qed jaghmlu x-xoghol sew ma tezistix. L-*operator *irid jaghti kaz. Bniedem fuq l-*operator *"as such" biex jghidulu kif ghandu jaghmel m'hemmx. Jahdem kif tghallem. Konna nghidu li ghandu jkun hemm bniedem b'din* [<u>recte</u>: dan] *l-inkarigu izda s'issa m'hemmx. Finalment responsabbilita` ta' l-*operator*. M'hemm hadd li jara li x-xoghol isir sew. Hadd ma jara l-i*stow*. L-*operators *m'ghandhomx foreman."* [11]

**10.** Mir-rapport tal-Perit AIC Richard Aquilina, imhejji ghall-inkjesta magisterjali, jirrizulta li ir-*Royal Rubber Gantry* (RTG) li kien qieghed isuq il-konvenut appellat Oswald Caruana ma kienx qieghed jitmexxa precizament fuq il-linji l-bojod li huma paralleli u ntizi biex jiggwidaw l-RTG billi r-roti jinzammu fuq dawn il-linji u li kien hemm

[9] A fol. 3 tal-process ta' l-appell (l-ahhar paragrafu).
[10] Ara Fol. 45 tal-process
[11] Ara Fol. 36-37 tal-process

tidwir ta' cirka tnax-il centimetru[12]. Fir-rapport tieghu, l-istess perit jirrimarka wkoll li "*Meta l-*container *li kien ghadu mbragat tnizzel, instab li kien hemm spazju ta' 5cm biss, liema spazju jvarja sew meta l-*container *ikun qieghed jigi manuvrat u jitbandal."* [13]

**11.** Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni valida ghala ghandha tigi varjata l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar x'kienu l-fatturi li ikkagunaw l-incident, u dwar in-nuqqas tas-socjeta` appellata li jkollha sistema ta' sorveljanza biex cirkostanzi li wasslu lill-konvenut Caruana biex jiehu zball jinkixfu qabel ma l-izball effettivament isehh, b'detriment ghal terzi. Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellanti qed jigi michud.

**12.** Ghandu jigi osservat illi l-appellanti ma ressqu l-ebda aggravju sabiex jikkontestaw il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilta` solidali ta' l-appellant Oswald Caruana ghall-incident *de quo* u l-konsegwenti danni. Ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma ghal kollox il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li *"l-htija kienet kemm tal-konvenut kif ukoll tas-socjeta` konvenuta."*

**<u>Il-likwidazzjoni tad-danni</u>**

**13.** Ghal fini ta' pratticita`, din il-Qorti sejra titratta flimkien t-tieni aggravju ta' l-appellanti li s-somma likwidata mill-ewwel Qorti kienet eccessiva, u l-appell incidentali ta' Garnisi li s-somma likwidata kellha tkun aktar minn dik likwidata.

**14.** L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

**"(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati**

[12] Ara fol. 63 tal-process l-ahhar paragrafu.
[13] Ara fol. 64. tal-process para 4.

**’l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.**
**(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.”**

Dan ifisser li l-Qorti trid tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha ghall-kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-danneggjat bhala rizultat dirett ta’ l-incident, kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li sofra jew se jsofri bhala konsegwenza tad-debilita` permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorattiva tieghu.

**15.** Issa, l-incident sehh fl-1999 meta l-appellat kellu 55 sena. Fir-rikors ta’ l-appell taghhom, l-appellanti mhux qed jikkontestaw illi haddiem bhall-attur appellat, kien jaqla’ medja ta’ LM20,000 fis-sena (ghall-pratticita` din il-Qorti sejra, ghall-mument, taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha f’liri Maltin u mhux f’Euro) u illi f’kaz ta’ temm ta’ xoghol kien ukoll jircevi is-somma ta’ LM250, li wara zdiedet ghal LM500, ghal kull sena ta’ servizz. L-ewwel Qorti irriteniet illi l-ammont likwidat ghandu aktar minn *damnum emergens* milli *lucrum cessans*. Bid-dovut rigward lejn dik il-Qorti, din il-Qorti ma’ tistax taqbel ma’ dan. It-telf ta’ flus li l-appellat sofra billi ma setax ikompli bix-xoghol li kellu wara l-incident, jikkwalifika bhala telf ta’ qliegh jew *lucrum cessans,* u ghalhekk fil-likwidazzjoni ta’ dan il-*lucrum cessans* ghandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti mill-Qrati Maltin ibbazati fuq il-formola adottata fis-sentenza **Michael Butler v. Peter Christopher Heard**[14], kif modifikata f’gurisprudenza sussegwenti.

**16.** Il-Kirurgu Frederick Zammit Maempel, espert mahtur *ex parte* mill-appellat, irrelata illi minhabba l-incident l-appellat garrab debilita` permanenti ta’ tnax fil-mija (12%). Waqt is-seduta tat-18 ta’ Frar 2003 quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanti qalu li joqoghdu fuq din il-

[14] Qorti ta’ l-Appell (sede Civili) 22 ta' Dicembru 1967.

kalkulazzjoni[15]. Disabilita` permanenti ta' 12% certament ma tfissirx illi l-appellat kien impedut li jahdem mija fil-mija. Huwa minnu li l-appellat kellu 55 fid-data ta' l-incident, u ghalhekk mhux facli li jsib xoghol alternattiv ta' dik l-eta`. Pero` ma ngabu l-ebda provi li huwa ghamel xi tentattiv biex isib xoghol alternattiv u li ma rnexxielux. Ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghala ghandha tvarja il-percentwali ta' disabilita` ta' l-appellat minn dik stabbilita mill-kirurgu tieghu stess, u cioe` ta' 12%.

**17.** L-appellat kien ghad fadallu hajja lavorattiva ta' circa sitt snin u billi dan hu zmien relattivament qasir u ma jirrizultax li l-appellat kien isofri minn xi kundizzjoni medika li setghet timpedih milli jkompli jahdem sa' l-eta pensjonabbli, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jittiehed *multiplier* ta' 6 snin. Ghalhekk jekk wiehed jikkalkula: LM20,000 x 6 x 12% igibu s-somma ta' Lm14,400. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li ma hemm l-ebda raguni ghalfejn m'ghandux ikun hemm tnaqqis ghal *lump sum payment* fil-kaz odjern. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti hija ta' l-opinjoni li dan it-tnaqqis ghandu jkun ta' 10%. Ghalhekk l-ammont totali li huwa intitolat ghalih l-appellat bhala *lucrum cessans* wara dan it-tnaqqis ta' 10% huwa ta' Lm12,960.

**18.** Jibqa' is-somma ta' Lm9,500 rapprezentanti id-differenza fir-rata tas-somma ghal kull sena ta' servizz minn LM250 ghal LM500 u li l-appellat ma bbenefikax minn din iz-zieda, ghax meta sehhet l-emenda fl-2003, l-appellat kien diga` intemmlu x-xoghol. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li din ghandha n-natura ta' *damnum emergens* iktar minn ta' *lucrum cessans*, u ghalhekk ma ghandu jkun hemm l-ebda tnaqqis minnha, u fil-fatt l-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom jikkoncedu li din is-somma ghandha tithallas fl-intier taghha.

**19.** Ghaldaqstant, l-ammont totali dovut lill-appellat huwa ta' Lm22,460 (Lm12,960 + Lm9,500), illum Ewro 52,317.72.

[15] Ara fol. 60 tal-process.

**20.** Fid-dawl tas-suespost, it-tieni aggravju ta’ l-appellanti qed jigi milqugh limitatament kif hawn fuq inghad, filwaqt li l-appell incidentali qed jigi michud.

**Decide**

**21.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell incidentali ta’ John Mary Garnizi u tilqa’ in parti l-appell tal-konvenuti, u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn illikwidat id-danni fis-somma ta’ erbgha w tmenin elf u hames mitt lira (Lm84,500) u fejn ikkundannat lill-konvenuti flimkien ihallsu lill-attur l-imsemmija somma flimkien ma’ l-ispejjez kollha mitluba fic-citazzjoni u l-imghax, u minflok tillikwida d-danni fis-somma ta’ Euro tnejn u hamsin elf tlett mija u sbatax, u tlieta w sebghin centezmu (Euro 52,317.73), tikkundanna lill-konvenuti jhallsu din is-somma lill-attur flimkien ma’ l-ispejjez kollha mitluba fic-citazzjoni (cioe` l-ispejjez ta’ l-ittra interpellatorja tas-17 ta’ Ottubru 1999 u tal-ittri ufficjali tas-27 ta’ Settembru 2000), bl-imghax mid-data ta’ l-ewwel sentenza (12 ta’ Ottubru 2004) sad-data tal-effettiv pagamenti u tikkonfermaha fil-bqija. Kwantu ghall-ispejjez, kemm ta’ l-ewwel kif ukoll ta’ din l-istanza, dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal erba’ partijiet minn hamsa (4/5) mill-konvenuti appellanti solidament bejnitehom, u kwantu ghal kwinta parti (1/5) mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------